**KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIZABILITA'**

**RAPPORT DWAR SKEMA TA' IMPIEG MGHEJJUN GHAL PERSUNI B'DIZABILITA'**

**LAQGHA TA' BDIL TA' OPINJONIJIET - INTERVENT TA'**

**ANTON BORG,**
**PRESIDENT TAL-MALTA FEDERATION OF INDUSTRY**
**3 ta' Mejju, 2004 , Waterfront Hotel, Gzira**

Grazzi Sur President, Nirringrazzja lilek u lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' talli ghogobkom tistednuni ghal din il-laqgha ta' bdil ta' hsebijiet dwar ir-rapport li sar fuq inizjativa taghkom li jhares l-aspett finanzjarju ta' ghixien indipendenti tal-persuni b'dizabilita'. Il-Federazzjoni fliet bir-reqqa dan ir-rapport tal-ekonomista Gordon Cordina li jidhol fil-fond dwar il-qaghda tal-persuni b'dizabilita' fid-dinja tax-xoghol f'Malta, u l-isfond socjali li jghixu fih. Hemm lista ta' diversi skemi ta' ghajnuna finanzjarja li tinghataw lil persuni b'dizabilita' kemm mill-gvern kif ukoll minn ghaqdiet ohra.

Il-Federazzjoni taghna certament li taqbel fil-principju li kemm mill-lat ekonomiku u aktar min hekk mill-aspett socjali, hu xieraq li persuni bi bzonnijiet specjali jigu ntegrati fis-socjeta'. Hadd fostna ma jhossu komdu jekk ikun ta' piz finanzjarju fuq haddiehor. Jidhirli li l-iskema proposta fir-rapport fiha hafna mertu u timmira biex taghti incentiv lill-persuni li jiehdu l-pensjoni ta' dizabilita' sabiex jithajru forsi anke jcedu parti minnha u jippreferu jidhlu fid-dinja tax-xoghol u jintlahaq l-ghan biex persuni bi bzonnijiet specjali jilhqu l-indipendenza finanzjarja fil-hajja taghhom - li taghtihom aktar soddisfazzjon.

F'parti tar-rapport l-awtur jaghtina x'nifhmu li s-soluzzjoni tista' tkun billi l-persuna bi bzonnijiet specjali jigi offrut xoghol b'sighat imnaqqsa halli ma jkollux l-'stress' li forsi ma jiflahx ghalih. Is-Sur Gordon Cordina igibilna ferm tajjeb l-qaghda ta' dawn il-persuni fejn, hafna xoghol, jista' jfisser hafna sforz fiziku u mentali, minbarra hin u sagrificcju, ghal persuna b'dizabilita' li kwazi jaqta' qalbu li jiehu mpieg.

Ma nahsibx li, fejn jidhol ix-xoghol, l-problema hija biss l-aspett finanzjarju, ghalkemm soluzloni ghal din tghin. Il-Federazzjoni tal-Industrija Maltija hi membru shih fl-Unjoni tal-Konfederazzjonijiet ta' min ihaddem u tal-Industrija fl-Ewropa. Bir-ricerka li din ghamlet u bil-kollaborazzjoni tas-siehba socjali fl-Unjoni Ewropeja waslu fil-konkluzjoni li hemm hames fatturi sabiex in-nies b'dizabilita' jsibu impieg :

1. Nemmnu li m'ghandux ikun hemm diskriminazzjoni u li t-triq li ghandna nsegu hi li jitjiebu l-opportunitajiet ta' impieg ta' nies b'dizabilita'.
2. Ghall-intrapriza, il-qofol biex tikkompeti hu li tfittex u ssib il-kompetenzi tal-impjegati taghha u tizvillupphomlhom. Ghandu jigi enfasizzat l-abilta' li persuna ikollha u mhux id-dizabilita'. Il-persuni ghandhom jintghazlu skond l-abbiltajiet u l-kompetenzi taghhom.
3. Prattici tajba ta' impieg jistghu jikkontribbwixxu ghas-success ekonomiku ta' kumpanija. Min ihaddem ghandu jizviluppa rizorsi fil-kumpanija li forsi kienu qeghdin mohbija u li jwasslu biex il-haddiema b'dizabilita' jaghtu valur mizjud aktar.
4. Ghandhom jinstabu soluzzjonijiet differenti ghall-bzonnijiet specifici ta' kull haddiem li ghandu dizabbilta'.
5. Ghandhom jidhlu fi sforz kollettiv dawk kollha li ghandhom interess li l-persuni b'dizabilita' jigu integrati.

Id-dinja tax-xoghol hu bla dubju mezz importanti kif persuna ghandha tigi mghejjuna biex tkun parti wahda minn socjeta', socjeta' izda li ghad fadlilha x'titghallem biex tbiddel l-attitudni li tiehu fir-rigward tal-persuni bi bzonnijiet specjali. Fil kas tieghi, qed nghid dan partikolarment ghal min ihaddem.

Jidher bic-car li hemm nuqqas ta' informazzjoni tar-r-rwol u l-esperjenza ta' imprizi zghar u ta' daqs medju dwar l-impieg ta' nies b'dizabilita'. Tajjeb li jfakkarna Gordon Cordina li l-'employer' irid f'hafna kazi jigi edukat mill-gdid halli jbiddel l-attitudni lejn persuna bi bzonn specjali li tersaq ghal impieg.

Fi studji li sar f'sitt pajjizi deher car li Franza, il-Germanja u Spanja joqghodu hafna fuq infurzar ta' kwoti biex persuni b'disabilita' jidhlu fid-dinja tax-xoghol. Kontra ta' dan l-Irlanda, ir-Renju Unit u l-Olanda jew m'ghandhomx kwoti jew ma jaghtux kaz taghhom. Ir-Renju Unit kellu kwota fil-ligi u nehhiha. Minflok, dahhal ligi kontra d-diskriminazzjoni fl-impiegi. Anke din il-ligi mhux facli li tinfurzaha. Regolamenti dwar sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol u dwar l-assikurazzjoni jigu kkunsidrati minn min ihaddem bhal impediment ghall-impieg ta' persuni b'dizabilita'. Mill-istudji li saru hareg bic-car li ghad ma nstabitx triq wahda ghal ligi jew qafas ta' regolamenti effettivi.

Fl-istati membri tal-UE hemm tlett oqsma li wiehed ghandu jiehu in kunsiderazjoni, oqsma differenti imma kollha importanti:

1. il-bzonn fost min ihaddem ta' l-izvilupp ta' kuxjenza u li jifhem u japprezza aktar x'ifisser tkun dizabilitat u n-natura preciza tad-dizabilita' ta' dak li ser ihaddem.
2. Il-bzonn ta' firxa akbar ta' informazzjoni qalb min ihaddem fuq il-qafas regolatorju u kif dan jghinhom u jiffacilita l-impieg ta' persuni b'dizabilita'.
3. L-importanza tal-agenzji ta' medjazzjoni f'dan il-qasam. Ghaqdiet li jaghmluha ta' medjaturi ghandhom parti mportanti biex jippromovu kuxjenza posittiva dwar dizabilita' u l-qafas regolatorju, u jipprovdu tahrig u sostjen personali lil nies b'disabilita'.

Dawn il-tlett oqsma huma interdipendenti u jwasslu ghar-rizultati jekk jithaddmu flimkien. Min ihaddem, tajjeb li jigi konvint dwar certi hwejjeg li ghandu jkun ippreparat dwarhom:

- ♣ Assenteizmu – Ghandu jkun jaf li bl-istastika hu ppruvat fic-car li persuna b'disabilita' ma timradx jew tkun nieqsa mill-post tax-xoghol aktar minn haddiema ohra;
- ♣ Li l-persuni b'dizabilita' ghandu  l-kapacita' u l-abbilta'; u fl-ahhar
- ♣ li r-riskju ghal min ihaddem  li jiehu meta jaghti xoghol lil persuna b'dizabilta' jonqos permezz ta' l-uzu ta' entitatijiet li jidhlu bhala intermedjarji biex jghollu l-probabilta' ta' success fl-impieg ta' persuna bi bzonnijiet specjali permezz ta' analisi serju min qabel u preparazzjoni u ghajnuna lil persuna halli tintegra fix-xoghol.

Nikonkludi billi nappella lil kull min hu involut biex nahdmu ghal zewg ghanijiet:

1. Ejjew nikombattu in-nuqqas ta' kunfidenza u ta' stima li persuni b'dizabilita' ikollhom fost l-impjegati l-ohra, u l-attitudni kemm ta' shabhom fuq ix-xoghol u kemm ta' min ihaddimhom, li jillimitaw kemm li impjegat jintegra ruhu b'success fuq il-post tax-xoghol u kemm jaghmel progress go ditta.
2. Ejjew ma noqghodux nahsbu biss bit-teoriji, bhal min jahseb li ser jehles mill-problema billi jimponi l-ligi li tobbliga 'l min ihaddem li jkollu tnejn fil-mija tal-haddiema tieghu maghzula fost persuni b'dizabbilta'. L-Inglizi bhal ma urejtkom qabel nehhew din il-klawsola mill-ligi.  Hemm hafna xoghol xi jrid jsir u li jigi zviluppat ir-rwol tal-NGOs li huma jafu l-problemi ta' dawn in-nies bi bzonnijiet specjali.

B'rieda tajba, pacenzja, u billi naddottaw ghal bzonnijiet partikolari ta' Malta dawk is-sistemi ta' pajjizi ohra fejn kellhom success, nistghu nirnexxu ahna wkoll.

Nirringrazjakom.